# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 22 ta' April 2018

Ir-IV Ħadd tal-Għid – Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet

Sena B

**Introduzzjoni**

F'dan ir-Raba' Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex ma nibżgħu qatt inpoġġu t-tama tagħna fil-Mulej għax Hu jinsab f'rabta personali magħna. Illum ukoll il-Knisja tistedinna sabiex nitolbu għal aktar vokazzjonijiet fi ħdanha.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 4, 8-12)

Kristu huwa l-għajn tas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 117)

Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Ġw 3, 1-2)

San Ġwann jurina li aħna tassew ulied maħbuba ta' Alla. Min jemmen f'dan jimtela bit-tama.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 10, 11-18)

Ġesù huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li jħobb lin-nagħaġ tiegħu u jagħti ħajtu għalihom.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal ġid kollu li jagħmel magħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Kull darba li nersqu biex nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija, inġeddu l-għaqda tagħna miegħU.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.